**Mistoqsija għal tweġiba bil-miktub E-002676/2021**
**lill-Kummissjoni**
Artikolu 138 tar-Regoli ta’ Proċedura
**Christian Ehler** (PPE), **Sabine Verheyen** (PPE), **Maria da Graça Carvalho** (PPE), **Ivan Štefanec** (PPE), **Iuliu Winkler** (PPE), **François-Xavier Bellamy** (PPE), **Peter Pollák** (PPE), **Franc Bogovič** (PPE), **Sven Schulze** (PPE), **Pernille Weiss** (PPE), **Tomasz Frankowski** (PPE), **Theodoros Zagorakis** (PPE), **Massimiliano Salini** (PPE), **Pilar del Castillo Vera** (PPE), **Henna Virkkunen** (PPE), **Ioan-Rareş Bogdan** (PPE), **Eva Kaili** (S&D), **Ibán García Del Blanco** (S&D), **Lina Gálvez Muñoz** (S&D), **Klemen Grošelj** (Renew), **Andrus Ansip** (Renew), **Ivars Ijabs** (Renew), **Elżbieta Kruk** (ECR), **Dace Melbārde** (ECR), **Cyrus Engerer** (S&D), **Angelika Niebler** (PPE)

Suġġett: Drittijiet ta' proprjetà intellettwali sinifikattivi għas-settur awdjoviżiv fl-Att dwar is-Servizzi Diġitali

Il-katina tal-valur awdjoviżiv saret aktar fraġli minħabba l-interruzzjonijiet fin-negozju kkawżati mill-COVID-19. Fid-dawl ta' dan, huwa essenzjali li jiġi żgurat li d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tas-settur ċinematografiku u awdjoviżiv Ewropew jiġu rispettati online, u li jiġi promulgat ambjent regolatorju li jippromwovi l-investiment u l-irkupru. Is-settur ċinematografiku u awdjoviżiv qed isofri telf kbir mill-użu illegali mifrux ta' kontenut protett bid-drittijiet tal-awtur, inkluż matul il-pandemija. L-Att dwar is-Servizzi Diġitali propost jirrappreżenta opportunità ġdida biex tiġi affermata mill-ġdid l-ambizzjoni tal-Ewropa li tipproteġi l-proprjetà intellettwali.

1. Il-Kummissjoni taqbel li l-Att dwar is-Servizzi Diġitali m'għandu bl-ebda mod jirriżulta fi "sfera ta' sikurezza" u privileġġi ta' responsabbiltà usa'?

2. Tirrikonoxxi li l-espansjoni tal-obbligu "Kun af lill-klijent kummerċjali tiegħek" għall-firxa sħiħa ta' servizzi li jippermettu t-tħaddim ta' servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni toffri soluzzjoni reali u tanġibbli biex jitnaqqas il-kontenut illegali b'piżijiet minimi fuq l-intermedjarji u n-negozji leġittimi?

**Sostenitur**[1]

[1] Din il-mistoqsija għandha s-sostenn ta' Membru ieħor apparti l-awturi : Laurence Farreng (Renew)